KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

KLR 51/VII/2017

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri il-membri, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATA:- Il-membru Maria Portelli.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

**2. Approvazzjoni tal-minuti**

Ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat (KLR 49/VII/2017 u KLR 50/VII/2017).

Mill-minuti KLR49/VII/2017

Is-Sindku għarraf lill-membri li ma rnexxielux jitkellem ma Manuel Cassar peress li dan jinsab imsiefer. Is-Sur Cassar u l-mara tiegħu għandhom il-kaxxi tal-monti numru 29 u 30.

**3. Monti**

3.1 *Transport Malta* (TM) ħarġet il-permess li turi l-*area* fejn għandu jitpoġġa l-monti fi Pjazza Savina.

3.2 Il-membri ġew mgħarrfa li whud mill-bejjiegħa tal-monti ressqu mandat ta' inibizzjoni kontra l-Kunsill (numru 5/2017 (JVC) datat 8 ta' Marzu 2017. Dan għandu jinstema nhar it-22 ta' Marzu 2017 u sadanittant il-Kunsill ser iressaq ir-risposta teigħu permezz tal-Avukat tal-Kunsill.

3.3 Il-kaxxi tal-monti bin-numri rispettivi tagħhom ġew immarkati fi Pjazza Savina.

3.4 Tressqet korrispondneza mingħand l-Avukat Mario Scerri li kiteb għan-nom ta' sid tal-*istore*/garaxx bin-numru 50 fi Pjazza Savina. Dan minħabba li s-sid qed jgħid li nżebgġu l-kaxxi tal-monti quddiem il-garaxx tiegħu. Il-kunsill ser jirrispondi permezz tal-avukat tal-Kunsill fejn juri li quddiem dan l-*istore* hemm diversi etgħiebi.

3.5 Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM sabiex il-ħames parkeġġi li jibqa' fi Pjazza Savina jkunu riservati għar-residenti ta' l-istess pjazza waqt li jkun armat il-monti.

**4. *Playing field***

4.1 Il-membri qablu li wara li għadda ż-żmien tal-appell ix-xogħol fuq il-kwotazzjonijiet:- *VLC11/2016 – Quotation for reinforced concrete and related works at Victoria Playing field*, u *VLC12/2016 – Quotation for the removal of bollards and railing and excaation works at Victoria Playing Field*, għandhom jibdew minn Gatt Tarmac Ltd. kemm jista' jkun malajr.

4.2 Il-Perit għandu jħejji l-offerta għall-*landscaping* tal-*playing field*.

**5. Approvazzjoni tal-kontijiet**

Ġew approvati l-kontijiet għax-xhur ta' Marzu u April 2017. Dawn skont dokumenti A u B annessi.

**6. Immaniġjar tat-traffiku**

*Transprot Malta* (TM) ħarġet il-permess għall-

6.1 bankina fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace biswit il-bini tal-Konservatorju tal-Isqof;

6.2 *double yellow line* quddiem sqaq fi Triq Dun Pawl Micallef;

6.3 *road markings* u sinjali tat-traffiku fi Triq Mro Dirjano Lanzon kantuniera ma Triq Sir Luiġi Camilleri;

6.4 parkeġġ riservat mis-07.00 sal-17.00 għall-'Gozo College' fi Triq l-Ewropa;

6.5 *one meter double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Farruġia Bros.' Fi Triq San Anard;

6.6 *one meter double yellow lines* fuq iż-żewġ nahhat tad-*drive-in* ta' 'Il-Qolla', Triq Santa Dminka;

6.7 *un/loading bay* quddiem 'Gala', fi Triq it-Tabib Anton Tabone;

6.8 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' għall-sitt xhur għal George Cassar quddiem Blk G, Flat 8, Taċ-Ċawela H.E.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

6.9 isir *un/loading bay* fil-parkeġġ tal-Isptar, biswit l-entratura tal-Konservatorju tal-Isqof. Dan sakemm isir il-bini ta' l-iskola medika;

6.10 isir *yellow line* mal-injam li sar madwar is-sit ta' kostruzzjoni li sar fil-parkeġġ tal-isptar. Dan sabiex ma jkunx hemm ostaklu ta' vetturi u r-residenti ma jkollhomx diffikulta biex jidħlu fil-propjeta' tagħhom.

6.11 *un/laoding bay* quddiem 'Raindrops', fi Triq Qasam San Ġorġ;

6.12 *un/laoding bay* quddiem 'Spiteri Catering' fi Triq Santah Martha';

6.13 *keep clear* quddiem 'Melbourne' Triq Antonio Mallia;

6.14 *double yellow line* quddiem il-bieb ta' 21, Triq Librerija;

6.15 jitkomplew id-*double yellow lines* fi triq ġdida fi Triq Wied is-Seqer;

6.16 *paking bays* quddiem blokk C f'taċ-Ċawla H.E;

6.17 *double yellow lines* mal-ġnub tal-garaxx ta' 67, 'Dar Ommi' fi Triq Pompei;

**7. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

7.1 il-*Public Contracts Review Board* fejn bgħat *Errata Corrige* fuq kas nru. 685 fejn qal li d-depożitu li tħallas mill-appellant irid jiġi rifondut;

7.2 l-Awtorita' tal-Ambjent li ħarġet il-permess sabiex jinżabbru s-siġar ta' Triq Vajringa u ta' Pjazza Indipendenza. Il-permess hu validu għal sena u l-membri qablu li dan iż-żbir isir għall-aħħar ta' Mejju 2017;

7.3 l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol li spezzjonat l-uffiċċini tal-Kunsilli Lokali. Il-membri qablu il jsir *risk assessment report* fuq l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

**8. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

8.1 l-Kunsill jgħarraf lill-Awtorita' dwar l-Ippjanar rigward il-pensjonanti Rabtin li juru nteress dwar l-iskema Irrestawra Darek;

8.2 l-Kunsill jipparteċipa fil-'Festival des lyceens et Apprentis – European Orchestra – Region Aquitane'. Il-Kunsill għandu jħallas it-titjijra lill-Kathryn Mizzi li ser tipparteċipa bil-vjolin f'dan il-festival;

8.3 il-Viċi Sindku u l-membri Debrincat u Briffa jkunu l-membri tal-bord ta' aġġudikazzjoni fuq l-offerta tat-tindif tal-latrini pubbliċi;

8.4 ssir *bollard* fi Triq id-Dejqa kantuniera maTriq Palma;

8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li nharġet offerta :- VLC/2/2017 – *Tender for carrying out of a survey and respective analysis in relation to the project "ERDF 249: Setting of an Integral, Archaeological and Historical Trail in Victoria".*

8.6 Rigward il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* il-membri qablu li jekk jiġi aċċettat li jsir kors tal-induratua, l-Kunsill għandu joffri post alternattiv mill-bini/uffiċċju tiegħu.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa 21 t'April fis-18.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv